**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/013 |
| **Ilment:** | Allegazzjoni li s-Segretarju Parlamentari Julia Farrugia Portelli tat vantaġġ indebitu lid-ditta legali *Chetcuti Cauchi* permezz ta' filmati miġbuda fil-Berġa ta' Kastilja |
| **Ilmentatur:** | Il-Professur Vicki Ann Cremona f'isem l-għaqda volontarja "Repubblika" |
| **Data tal-Ilment:** | 28 ta' Settembru 2019 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 24 ta' Marzu 2020 |

**L-Ilment**

1. B'email tat-28 ta' Settembru 2019, hawn annessa u mmarkata Dokument "A", il-Professur Vicki Ann Cremona għan-nom tal-organizzazzjoni non-governattiva "Repubblika" (LPA-122, VO 1670) ressqet għall-konsiderazzjoni tiegħi s-segwenti ilment a tenur tal-artikolu 16 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-Kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta):

> *Fil-jiem li għaddew, inġibdet l-attenzjoni ta' Repubblika għal filmat imniedi minn jew għad-ditta legali Chetcuti Cauchi (https://www.youtube.com/watch?v=vOccBwPXzSY&feature=youtu.be) li hu immirat biex jagħmel pubbliċità għall-Iskema imsejħa "Individual Investor Programme" (IIP), li permezz tagħha persuni barranin jistgħu japplikaw biex isiru ċittadini Maltin ġaladarba jissodisfaw ċerti kriterji imposti mill-iskema.*
>
> *Dan il-filmat pubbliċitarju, li nġibed kollu kemm hu f'waħda mis-swali ewlenin tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru (Berġa ta' Kastilja) u li bħalissa qed jixxandar permezz tal-midja soċjali, ifittex li jagħti pubbliċità sħiħa lis-*

*servizzi li tipprovdi d-ditta legali Chetcuti Cauchi, li hi ditta legali privata immexxija mill-avukat Jean-Philippe Chetcuti.*

*F'dan il-filmat pubbliċitarju s-Segretarju Parlamentari l-Onor. Julia Farrugia Portelli, li hi politikament responsabbli għall-iskema IIP, flimkien mal-avukat Chetcuti u Kenneth Camilleri tad-ditta Chetcuti Cauchi u uffiċjali pubbliċi, jidhru wkoll jikkummentaw pożittivament b'mod separat dwar l-iskema f'diskorsi immirati biex iħajjar lill-udjenza biex tibbenefika mill-iskema.*

*Repubblika jidhrilha li l-aġir tal-Onor. Julia Farrugia Portelli jikkostitwixxi ksur ta' etika u abbuż ta' poter għas-segwenti raġunijiet:*

1. *Il-filmat inħadem b'mod biex f'moħħ l-udjenza tittieħed l-impressjoni li teżisti rabta intima bejn id-ditta legali Chetcuti Cauchi u l-klassi politika Maltija kif rappreżentata mill-Onor. Julia Farrugia Portelli, liema rabta imbagħad twassal vantaġġi għall-klienti ta' Chetcuti Cauchi sanzjonati mill-awtoritajiet, liema vantaġġi ma jgawdux minnhom ditti legali oħrajn; u*

2. *Il-filmat jagħmel użu ħażin (misuse) minn riżorsi pubbliċi – il-Berġa ta' Kastilja intużat bħala l-isfond ewlieni tal-filmat biex b'hekk tingħata l-impressjoni li ditta privata qed tingħata vantaġġ mill-awtoritajiet fuq il-kompetituri tagħha.*

*In vista tas-suespost u a tenur ta' artikolu 13 tal-Att XIII tal-2017 (Kap. 570 tal-Liġijiet ta' Malta), int ġentilment mitlub tinvestiga din il-kwistjoni, tevalwa l-fatti u tagħti r-rakkomandazzjonijiet tiegħek biex abbużi bħal dawn minn uffiċjali pubbliċi li jiksru l-etika ma jirrepetux ruħhom.*

## Deċiżjoni li Ninvestiga

2. Iddeċidejt li l-ilment jistħoqq li jiġi investigat ai termini tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

## Il-Kuntest

3. Fil-bidu ta' Settembru 2018 ittellgħu tlett filmati promozzjonali dwar il-programmi ta' ċittadinanza (Individual Investor Programme – IIP) u ta' visas residenzjali (Malta Residence Visa Programme – MRVP) fil-paġni f'Youtube u

Facebook tad-ditta legali Chetcuti Cauchi. Dawn il-filmati ġew miġbuda fil-Berġa ta' Kastilja u fihom dehret is-Segretarju Parlamentari Julia Farrugia Portelli,[1] kif ukoll rappreżentanti tal-aġenziji tal-gvern li jmexxi l-iskemi IIP u MRVP, biex jippromwovu l-iskemi imsemmija. Dehru wkoll uffiċjali tad-ditta Chetcuti Cauchi jitkellmu dwar l-istess skemi. Il-filmati ġew organizzati u prodotti mill-istess ditta legali Chetcuti Cauchi.

4. Sussegwentement programm televiżiv bl-isem *"Enquête Exclusive – Malte, Joyau de la Meditérranée et Paradis de la Corruption"*[2] ġie mxandar mill-istazzjon televiżiv privat Franċiż Metropole 6 (M6) nhar il-Ħadd 22 ta' Settembru 2019. F'dan il-programm deher l-avukat Jean Philippe Chetcuti tad-ditta Chetcuti Cauchi jitkellem ma' ġurnalist li kien qed jilgħab il-parti ta' wieħed interessat fis-servizzi offruti mid-ditta legali fir-rigward tal-bejgħ tal-passaporti. Fil-filmat l-Avukat Chetcuti jinstema' jiftaħar bil-konnessjonijiet tiegħu mill-qrib mas-Segretarju Parlamentari Farrugia Portelli u mal-Prim Ministru Joseph Muscat. Il-filmat imxandar mill-istazzjon M6 deher fid-dokumentarju b'voiceover li ta sommarju bl-ilsien Franċiż ta' dak li qal l-Avukat Chetcuti.

**Proċedura tal-Investigazzjoni u Ġbir ta' Provi**

5. Ktibt lis-Segretarju Parlamentari Farrugia Portelli (kopja annessa u mmarkata Dokument "B") fit-3 ta' Ottubru 2019 fejn irreferejt għall-kontenut tal-ilment u l-partijiet rilevanti tal-kodiċi tal-etika u tlabtha twieġeb għal numru ta' mistoqsijiet. Hija rrispondiet bil-miktub fl-14 ta' Ottubru 2019 (kopja annessa u mmarkata Dokument "C") ghal kull mistoqsija. Id-domandi u r-risposti tagħha qed jiġu riprodotti fl-intier tagħhom:

1. ***Saru filmati oħra barra t-tlieta imsemmija hawn?***

   *Il-promozzjoni tal-programm issir kemm mill-aġenti akkreditati kif ukoll mill-Gvern. Ikun hemm okkażjonijiet fejn din issir flimkien.*

---

1 Meta seħħ dan il-każ l-Onor. Julia Farrugia Portelli kienet Segretarju Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, b'responsabbiltà fost affarijiet oħra għall-iskemi IIP u MRVP. Fil-15 ta' Jannar 2020 hija nħatret Ministru għat-Turiżmu u Protezzjoni tal-Konsumatur.

2 "Inkjesta Esklussiva: Malta, Ġojjell tal-Mediterran u Ġenna ta' Korruzzjoni".

*Rappreżentanti u uffiċjali tal-Gvern responsabbli mill-programmi ta' ċittadinanza u residenza b'investiment ikunu mitluba jagħtu sehemhom biex jippromwovu lil Malta u l-programmi rispettivi.*

*Għalhekk jieħdu sehem f'numru ta' attivitajiet b'dan il-għan, inkluż parteċipazzjoni f'konferenzi u roadshows promozzjonali, kemm Malta kif ukoll barra mill-pajjiż, intervisti u anke filmati ta' dan it-tip. Fost l-oħrajn sar filmat ieħor biex jippromwovi l-benefiċċji tal-programm bid-donazzjoni mogħtija lil Puttinu Cares bis-sehem tas-Segretarju Parlamentari, u filmati oħra biex jippromwovu l-programm bis-sehem ta' uffiċjali tal-aġenziji.*

***2. Apparti s-sehem tiegħek u tal-uffiċjali li jaqgħu taħtek, u l-użu tal-Berġa ta' Kastilja, il-Gvern ta' xi kontribut ieħor għall-egħmil tal-filmati?***

*Sa fejn infurmata jiena, il-Gvern ma ta l-ebda kontribut iehor, f'dan il-każ fuq filmati li jirrigwardaw il-Programm ta' Ċittadinanza b'Investiment.*

***3. Id-ditta Chetcuti Cauchi ħallset xi kumpens għas-sehem tiegħek u tal-uffiċjali tiegħek fil-filmati u għall-użu ta' Kastilja?***

*Le, ma sar l-ebda ħlas.*

***4. Il-filmati saru skont xi ftehim bil-miktub miegħek jew mal-Gvern? Jekk iva, ibgħatli kopja.***

*Il-koordinament sar kollu min-naħa tal-aġenziji nvoluti (MIIPA u MRVA).*

*Xtaqt nissottolinea numru ta' punti:*

*Saret talba mill-aġent, u l-aġenzija MIIPA kkordinat mas-segretarjat tiegħi biex ikun stabbilit f'liema ġurnata kien hemm slot vojta biex isir ir-recording tal-clip tiegħi.*

*It-talba li waslet fl-uffiċċju tiegħi kienet biss biex issir intervista miegħi bħala Segretarju Parlamentari responsabbli mill-programm ta' investiment, mas-CEO tal-MIIPA u mas-CEO tal-MRVA. Fl-ebda ħin ma ssemma filming ieħor ta' persuni oħra.*

*Anness għandek issib screenshot tal-kalendarju tiegħi nhar l-Erbgħa 11 ta' Lulju 2018 li fih hemm indikat l-ismijiet tal-persuni li kienu se jiġu*

*intervistati, jiġifieri jien, is-CEO tal-MIlPA u s-CEO tal-MRVA. (Dokument immarkat A.)*

*L-ewwel recording li sar kien tiegħi, u x'ħin lestejt mir-recording jien bqajt sejra bl-impenji oħra uffiċjali li kelli. Ma segwejtx l-intervisti l-oħra anke għaliex 30 minuta wara l-intervista tiegħi, kelli nkun Birkirkara.*

*Meta l-ġimgħa li għaddiet irċevejt il-mistoqsijiet tiegħek bħala Kumissarju tal-lstandards fil-Ħajja Pubblika, tlabt li l-aġenzija MIIPA tagħtini kopja tat-talba oriġinali li kien għamel l-aġent.*

*Fid-dokument anness (Immarkat B), kienu proposti żewġ dati. Intagħżlet il-ġurnata tal-11 ta' Lulju 2018 u kif indikat fil-korrispondenza, it-talba tal-aġent kienet li l-filming isir fil-bitħa tal-Berġa ta' Kastilja. Min-naħa tal-MIlPA kien suġġerit li r-recordings isiru f'daqqa minħabba kwistjoni ta' loġistika.*

*Peress li dak iż-żmien kien qed isir xi xogħol ieħor f'dik il-parti tal-Berġa ta' Kastilja, ġie deċiż li l-filmati jsiru fl-uffiċċju tiegħi, imma din l-option ġiet skartata minħabba li fil-kuridur ta' quddiem l-uffiċċju tiegħi kellu jintrama scaffolding għal numru ta' ġimgħat minħabba restawr ieħor li kien se jibda f'din il-parti.*

*Kien f'dan l-ispirtu li l-għażla finali waqgħet fuq is-Sala tal-Ambaxxaturi (u mhux tal-Kabinett kif issemma' f'parti mill-media lokali).*

*Din l-għazla saret purament għal skop loġistiku.*

*Irrid nissottolinea li jien u l-uffiċċju tiegħi QATT u FL-EBDA ĦIN ma ġejna konsultati dwar jekk l-aġenti in kwistjoni kellhomx jitħallew jirrekordjaw f'Kastilja, il-clip tagħhom ukoll. Imkien u fl-ebda korrispondenza ma saret din it-talba.*

*Infurmata wkoll li lanqas lis-segretarjat tal-Prim Ministru ma saret talba għal dan.*

*Sirt naf li Chetcuti Cauchi ffilmjaw il-parti tagħhom f'Kastilja, mill-istorja li dehret fil-mezzi tax-xandir ftit tal-jiem ilu.*

*Kont sorpriża u m'inix kuntenta li sar hekk.*

*Meta ftit tal-jiem ilu tlabt spjega ta' kif seħħ dan, qaluli li waqt li kien għaddej il-filming, u kien hemm it-tripods u cameras armati, l-aġent staqsa lill-uffiċjali preżenti biex jiffilmja l-parti tiegħu wkoll u jlestu l-filming f'ġurnata waħda.*

*Dan kien żball amministrattiv — li qatt ma kellu jsir.*

***5. X'kienet ir-raġuni li deherlek li inti u l-uffiċjali li jaqgħu taħtek kellkom tieħdu sehem f'dawn il-filmati? X'kienet ir-raġuni li nġibdu f'Kastilja?***

*Kif imsemma' aktar 'il fuq huwa d-dmir tagħna u tal-uffiċjali li jirrappreżentaw liż-żewg aġenziji tal-Gvern rispettivament, biex nippromwovu l-programm. Din kienet inizjattiva tajba sabiex nitkellmu dwar il-ġid ekonomiku u l-benefiċċji li qed iħallu l-programmi ta' ċittadinanza u residenza b'investiment.*

*Kif spjegat aktar 'il fuq, ġie deċiż li l-intervista tiegħi u taż-żewġ kapijiet eżekuttivi tal-aġenziji tal-Gvern isiru Kastilja minħabba li hu fl-istess binja fejn għandi l-uffiċċju tiegħi bħala Segretarju Parlamentari.*

***6. Aġenti oħra tal-Individual Investor Programme u l-Malta Residence Visa Programme ingħataw l-opportunità li jkollhom pubbliċità simili?***

*Tiġi kunsidrata kull talba għal sapport li ssir mill-aġenti skont l-objettivi tagħhom. Kif irreferejt aktar 'il fuq it-talbiet ikunu varji minn attendenzi f'konferenzi u roadshows, kif ukoll intervisti.*

***7. Il-filmati jistgħu jagħtu l-impressjoni, mhux f' Malta biss imma barra, li membru tal-Gvern hija viċin ta' ditta privata jew li din id-ditta għandha aċċess privileġġjat għall-Gvern?***

*Bħalma jiġri f'kull settur, minn żmien għal żmien, membri tal-Gvern u uffiċjali tal-aġenziji, jipparteċipaw f'avvenimenti u attivitajiet li jsiru minn ditti privati. Dan il-filmat sar f'dan l-ispirtu u mingħajr intenzjonijiet ulterjuri.*

*Il-kuntest tar-rappurtaġġ li sar jista' jwassal għall-impressjoni li qed issemmi inti u dan għandu jwassalna biex kulħadd ikun aktar viġilanti.*

***8. Dan huwa aggravat mill-fatt li l-membru tal-Gvern li tidher fil-filmat hija proprju dik li għandha s-setgħa tapprova applikazzjonijiet għaċ-ċittadinanza mibgħuta permezz tal-istess ditta?***

*Bħala Segretarju Parlamentari responsabbli mill-programm ta' ċittadinanza huwa fid-dmir tiegħi li nippromwovi l-programm u fl-istess waqt niżgura li l-proċess ta' approvazzjoni huwa wieħed trasparenti.*

*Nagħmel distinzjoni sħiħa bejn promozzjoni tal-programm u l-approvazzjoni tal-applikazzjonijiet. Fin-nofs hemm l-integrità tiegħi personali. Dan apparti l-fatt, li l-mekkaniżmi li bihom jopera l-programm huma maħduma biex jassiguraw li ma jkunx hemm abbużi.*

*F'dan ir-rigward l-aġenzija MIIPA tista' tagħtik overview taċ- ċiklu kollu minn meta tidħol applikazzjoni quddiem l-aġenzija, sakemm jien niffirma jew favur jew kontra r-rakkomandazzjoni li tagħmilli l-istess aġenzija.*

*Irrid ngħid li s-sistema hi waħda fejn fil-prattika mhux każ fejn jien sempliċiment napprova applikazzjoni. Iżda, jien irrid niffirma jekk naqbilx jew le mar-rakkomandazzjoni li tagħmilli l-aġenzija responsabbli mill-programm ta' investiment.*

*Nixtieq nirrimarka, li sakemm l-applikazzjoni tasal għandi, din tkun għaddiet minn proċess ta' due diligence rigoruż ħafna u maqsum fuq erba' livelli. Ir-rakkomandazzjoni li ssir lili kemm ta' rifjut jew ta' approval, hi msejsa fuq numru ta' kriterji ċarissimi fosthom u importanti li nsemmi, jekk l-appikant u d-dipendenti tiegħu jkunx għadda mill-proċessi ta' due diligence nkluż tal-Interpol, intelligence u mekkaniżmi ta' sorveljar oħra li jsiru.*

*Il-proċess sħiħ huwa wkoll suġġett għal skrutinju ta' regolatur indipendenti li jiżgura trasparenza assoluta. Hemm audit ta' kull file li jidħol għand l-MIIPA u kieku qatt sar xi abbuż, dan kien jinqabad.*

*Għaldaqstant ma hemmx lok għall-ebda forma ta' irregolarità.*

*Kif diġà għidt qabel, din mhux l-unika darba li ħadna sehem f'attivitajiet ta' promozzjoni organizzati minn aġenti akkreditati tal-programmi ta' ċittadinanza u residenza u nkunu qed nonqsu jekk ma nagħmlux hekk.*

*F'kull applikazzjoni li tiġi quddiemi, dejjem ħaddant l-integrità morali sabiex inwettaq ħidmieti bl-aħjar mod possibbli u mingħajr favuri.*

*Xhieda ta' dan hi wkoll ir-rata ta' 19% refusals li ngħataw lil dan l-aġent partikolari, kuntlarju għal dak sostnut fir-rappurtaġġ.*

***9. Sar xi attentat min-naħa tiegħek biex il-filmati in kwistjoni ma jibqgħux jixxandru?***

*Il-Gvern qed jistenna l-eżitu tal-investigazzjonijiet biex jieħu l-passi li jmiss.*

6. Fis-16 ta' Ottubru ltqajt mas-Segretarju Parlamentari Julia Farrugia Portelli fil-preżenza tad-Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tiegħi, Charles Polidano, u tal-Kap tas-Segretarjat tal-Onor. Farrugia Portelli, Reuben Sciberras. F'din il-laqgħa hija kkonfermat li ma kinetx taf li l-video kien ser jinkludi clips ta' kummenti ta' Dr Jean Philippe Chetcuti u uffiċjali oħra tad-ditta tiegħu, u la segwiet x'sar wara li hija għamlet il-parti tagħha u lanqas ma rat il-verżjoni finali tal-video.

7. B'risposta għal domanda li saritilha, hija qalet li qatt ma mxiet kontra rakkomandazzjoni biex tirrifjuta xi applikazzjoni taħt l-IIP, anzi pjuttost li ġieli talbet għal aktar informazzjoni qabel ma approvat rakkomandazzjoni għal aċċettazzjoni. Ġie miftiehem li għandha tagħti data dwar każijiet ta' applikazzjonijiet li ġew aċċettati minkejja li kien hemm rakkomandazzjoni ta' rifjut, u data dwar każijiet fejn rakkomandazzjoni għal rifjut ġiet mibdula qabel ma l-applikazzjoni waslet għandha.

8. Fis-17 ta' Ottubru 2019 is-Segretarju Parlamentari reġgħet kitbet (ittra annessa u mmarkata Dokument "D") u żiedet ma' dak li stqarret fl-ittra tagħha tal-14 ta' Ottubru 2019, kif ġej:

*Infurmata li wara intervent mill-MIIPA, Chetcuti Cauchi neħħew il-filmati mis-sit elettroniku tagħhom.*

*Nikkonferma wkoll li jiena sal-lum qatt ma kelli ċirkostanza fejn intlabt, jew saritli pressjoni, minn dan l-aġent (jew xi aġent ieħor), biex nibdel xi deċiżjoni li nkun ħadt jew li kelli quddiemi.*

*Tlabt ukoll lill-MIIPA biex tgħidli jekk qattx kellha pressjoni hi f'dan is-sens minn dan l-aġent, u bil-miktub (dokument anness) serrħuli rasi li qatt ma kien il-każ.*

9. Fl-24 ta' Ottubru 2019 iltqajt mal-Avukat Jean Philippe Chetcuti fil-preżenza tad-Direttur Ġenerali tal-uffiċju tiegħi, Charles Polidano.

10. Dr Jean-Philippe Chetcuti rrefera għall-parteċipazzjoni tiegħu fid-dokumentarju televiżiv li xxandar mill-istazzjon Franċiż M6 fit-22 ta' Settembru 2019.

11. Qal li, kuntrarjament għall-impressjoni mogħtija fid-dokumentarju televiżiv, qatt m'għamel riferenza għal kwalunkwe applikanti speċifiċi meta ddiskuta l-programm tal-IIP, u qatt ma rrefera għal applikanti li kellhom rekord kriminali. Ir-rapporti fil-medja Maltija kienu bbażati fuq id-dokumentarju, u kienu ttraduċew il-voiceover bil-Franċiż u attribwewh lilu. Fil-filmat huwa qatt ma qal li kellu xi influwenza fuq il-mod kif l-applikazzjonijiet taħt l-IIP kienu jiġu ttrattati. Fil-fatt dak li jinstema' jgħid fil-video li ma kellux x'jaqsam mal-allegazzjonijiet kontenuti fil-voiceover.

12. Dr Chetcuti qal li meta deher fid-dokumentarju jitkellem dwar ir-rabtiet politiċi tiegħu, kien qed jagħti risposta fattwali lill-ġurnalist, li kien staqsieh kif kien jaf lill-Ministru Owen Bonnici. Madankollu, ir-risposta tiegħu ġiet mgħawġa u eżaġerata. Qal li ċċajta dwar ir-rabtiet tiegħu mas-Segretarju Parlamentari Julia Farrugia Portelli imma l-intenzjoni tiegħu ma kinitx li jiftaħar bihom. Qatt ma ddiskuta applikazzjonijiet tal-IIP mas-Sinjura Farrugia Portelli.

13. Fid-dokumentarju Dr Chetcuti kien spjega li applikazzjonijet jistgħu jiġu kkunsidrati mill-ġdid jekk hemm raġunijiet sodi ibbażati fuq l-"enhanced due diligence" li jagħmlu l-aġenti approvati. Kien ħaddieħor u mhux hu li qal li d-ditta tiegħu kellha rata ta' suċċess ta' 100% fl-applikazzjonijiet sottomessi minnha. Dan intqal mhux bħala ftaħir dwar ir-rabtiet politiċi tad-ditta, imma minħabba l-fatt li d-ditta stess m'aċċettatx 60% tal-applikazzjonijiet li rċeviet minħabba d-due diligence li kienet tagħmel. Barra minn hekk, ir-rata ta' suċċess ma qisitx applikazzjonijiet li ġew rifjutati minħabba raġunijiet mhux relatati mad-due diligence li taghmel id-ditta, jiġifieri raġunijiet barra mill-kontroll tad-ditta. Il-video ġie edijat b'mod partikolari u l-voice over ġie magħmul b'mod qarrieqi.

14. Fir-rigward tat-tliet videos promozzjonali li ġew prodotti mid-ditta Chetcuti Cauchi, Dr Chetcuti qal li oriġinarjament meta ppropona din l-idea lil

Charles Mizzi li jaħdem mal-Aġenzija tal-IIP ta' Malta (MIIPA), is-Sur Mizzi ma esprima l-ebda oġġezzjoni imma avżah li aħjar jagħmel it-talba bil-miktub. Dr Chetcuti qal li l-videos kienu pubbliċità għal Malta u mhux għad-ditta tiegħu.

15. Dr Chetcuti qal li hu kien għamel l-intenzjoni tiegħu ċara li l-videos kellhom jiġu ffilmjati ġewwa l-Berġa ta' Kastilja, iżda qal li jista' jkun li l-awtoritajiet ma fehmux sew dan il-punt. Il-filmati kollha saru fil-beraħ u mhux bil-moħbi. It-tliet videos ġew iffilmjati fl-istess ħin. Is-Segretarju Parlamentari Farrugia Portelli biddlet ħwejjiġha bejn filmat u ieħor biex ma tidhirx bl-istess ħwejjeġ fit-tliet filmati. Id-ditta ħallset l-ispejjez tal-produzzjoni tal-videos. Qal li d-ditta tiegħu kienet il-vittma ta' attakk immirat lejn l-iskema tal-IIP.

16. Meta staqsejtu jekk ħasibx li l-videos imisshom jitneħħew minn fuq l-internet, Dr Chetcuti qal li kien ġie mogħti parir li t-tneħħija tal-videos seta' jiġi interpretat bħala ammissjoni ta' mġiba ħażina jew attentat ta' ħabi ta' evidenza. Dr Chetcuti kien talab direzzjoni mingħand l-awtoritajiet fuq dan il-punt, pero ma sema' xejn. Madankollu, kien ta struzzjonijiet biex il-videos jiġu mħassrin xorta.

17. Osservajt li l-videos in kwistjoni kienu għadhom jinstabu online, għalkemm ma baqgħux aċċessibbli mill-pubbliku fis-sens li biex wieħed jarahom kellu bżonn jingħata aċċess mid-ditta. Dr Chetuti qal li dan ma kienx skont l-istruzzjonijiet tiegħu u ntrabat li jikkonferma u jieħu l-passi neċessarji f'dan ir-rigward.

18. Sussegwentement, il-videos tneħħew għal kollox minn fuq Facebook u Youtube.

19. Fil-25 ta' Ottubru 2019 kelli laqgħa ma' Charles Mizzi fil-preżenza tad-Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tiegħi, Charles Polidano. Illum is-Sur Mizzi huwa CEO tal-Malta Residence Visa Agency, iżda sa Jannar 2019 kien jokkupa l-kariga ta' Chief Officer, Communications and Business Development tal-MIIPA.

20. Is-Sur Mizzi qal li l-applikazzjonijiet għall-visas taħt l-MRVA jgħaddu minn proċess strutturat, trasparenti, u fornut b'diversi salvagwardji. Qal li qatt ma kien hemm każ ta' influwenza jew pressjoni politika li ntużat bil-għan li twassal għal xi riżultat partikolari. Qal li applikazzjonijiet taħt l-IIP jiġu ttrattati bl-istess mod.

21. Is-Sur Mizzi żied jgħid li jekk l-aġenzija tiegħu tirċievi applikazzjoni b' xi dokumentazzjoni nieqsa, hija tibgħat notifika formali permezz tal-formola

MRVP 12 biex id-dokumentazzjoni nieqsa tiġi inkluża fl-applikazzjoni. Jekk, għall-argument, applikant ikun involut f'xi attività kriminali, l-applikazzjoni tiġi rifjutata u l-aġenzija ma titlob ebda informazzjoni oħra mingħand l-applikant. Madankollu, jista' jkun li l-aġenzija titlob kjarifika mingħand l-applikant jekk ikun hemm żball ta' identità għax l-applikant ikollu l-istess isem ta' persuna oħra b'rekord kriminali.

22. Fir-rigward tat-tliet videos prodotti mid-ditta Chetcuti Cauchi, is-Sur Mizzi qal li hu kien inkarigat bil-komunikazzjonijiet tal-MIIPA meta l-videos ġew prodotti. Il-kuntest kien li l-MIIPA ipparteċipat f'seminars, road shows u avvenimenti oħra u l-uffiċjali tagħha taw diversi intervisti biex jippromwovu l-iskema tal-IIP. Dawn l-avvenimenti setgħu jiġu organizzati mill-aġenti approvati infushom jew flimkien mal-MIIPA. Ma kien hemm xejn malizzjuz f'dan ir-rigward.

23. Is-Sur Mizzi qal li kien intalab jikkoordina bejn il-MIIPA, l-MRVA, l-uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari Julia Farrugia Portelli, u d-ditta Chetcuti Cauchi. Il-proposta tad-ditta ġiet diskussa internament u s-Sur Mizzi ġie infurmat li l-proposta ġiet approvata. Hu kien issuġġerixxa li t-tliet videos jiġu ffilmjati flimkien, u għal dan l-għan, staqsa lid-ditta Chetcuti Cauchi sabiex tipproponi data u post adattat għall-iffilmjar.

24. Rappreżentanti tad-ditta Chetcuti Cauchi staqsew jekk kienx ikun possibbli li l-courtyard tal-Berġa ta' Kastilja tintuża għall-iffilmjar tal-videos. Madankollu, il-binja kienet qed tiġi rinovata dak iż-żmien u għalhekk intużat is-Sala tal-Ambaxxaturi.

25. Meta staqsejt lis-Sur Mizzi jekk il-Berġa ta' Kastilja kinetx qatt ġiet intużata b'dan il-mod, qal le, iżda dan għax ħadd ma kien għamel rikjesta għal dan il-għan.

26. Fl-25 ta' Ottubru 2019 żammejt laqgħa ma' Jonathan Cardona, CEO, MIIPA, fil-preżenza tad-Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tiegħi, Charles Polidano.

27. Is-Sur Cardona ta spjegazzjoni tal-proċess li jgħaddu minnu l-applikazzjonijiet għall-passaporti taħt l-IIP u l-mod kif dawn jiġu kkunsidrati:

- l-ewwel stadju jinvolvi l-verifika li l-applikazzjoni fiha d-dokumenti kollha neċessarji;

- it-tieni stadju jinvolvi d-due diligence dwar l-applikant. Dan jitwettaq minn grupp ta' nies separati minn dawk li jagħmlu l-verifika fl-ewwel stadju, u jkollhom ukoll l-għajnuna minn awtoritajiet barranin;
- it-tielet stadju jinvolvi r-regolatur tal-IIP li jiċċekkja l-file biex jaċċerta ruħu li l-proċedura ġiet segwita u kollox sar kif suppost.

28. Is-Sur Cardona qal li audit trail ċara tinżamm matul il-proċess kollu. Barra minn hekk, qatt ma kien hemm każ fejn l-MIIPA għamlet rakkomandazzjoni biex applikazzjoni tiġi rifjutata u din ir-rakkomandazzjoni ma ġietx segwita.

29. Fir-rigward tal-videos prodotti mid-ditta Chetcuti Cauchi, is-Sur Cardona qal li talbiet mingħand aġenti biex jipproduċu dat-tip ta' videos kienu rari. Madankollu, huwa parti mix-xogħol tal-MIIPA li tippromwovi lil Malta u l-iskema tal-IIP, b'emfażi fuq id-due diligence u l-opportunitajiet għall-investiment f'Malta.

30. Madankollu s-Sur Cardona ammetta, fid-dawl ta' li ġara, li kien żball li d-ditta Chetcuti Cauchi tħalliet tiffilmja il-partijiet tal-videos fejn dehru r-rappreżentanti tagħha ġewwa l-Berġa ta' Kastilja.

31. Fl-24 ta' Ottubru 2019 kelli laqgħa ppjanata ma' Roderick Cutajar, li fi żmien l-inċident in kwistjoni kien CEO tal-Malta Residence and Visa Agency u sussegewentement mar jaħdem fis-settur privat. Din il-laqgħa ma saritx, iżda ma ħassejtx il-ħtieġa li ssir f'data oħra għax ix-xhieda li sadanittant inġabret kienet biżżejjed.

32. Fil-5 ta' Marzu 2020 ktibt lill-Kummissarju tal-Pulizija u tlabtu jinfurmani jekk il-pulizija kinetx qed tinvestiga l-każ, u jekk iva jgħidli xi progress sar fl-investigazzjoni tagħha. Dan wara li s-Segretarju Parlamentari stqarret fl-ittra tagħha tal-14 ta' Ottubru 2019 li *"Il-Gvern qed jistenna l-eżitu tal-investigazzjonijiet biex jieħu l-passi li jmiss."*

33. Hadt kont tad-diversi rapporti li dehru fil-media.[3]

---

[3] Ara:

- https://www.maltatoday.com.mt/news/court_and_police/98793/criminal_court_confirms_inquiry_into_chetcuti_cauchi_iip_boasts#.XnIh36hKhPY;
- https://timesofmalta.com/articles/view/court-green-lights-inquiry-against-partner-at-chetcuti-cauchi-firm.748095;

34. Rajt l-emails li gew skambjati bejn il-ministeru u d-ditta legali Chetcuti Cauchi (kopji annessi u mmarkati Dokument "E").

**Konsiderazzjonijiet**

35. L-ewwel punt preliminari jirrigwarda d-data tal-allegat nuqqas, u dan stante li l-filmati ttellgħu f'Settembru 2018, jiġifieri qabel id-dħul fis-seħħ tal-Kap 570, li jżommni milli ninvestiga dawk iċ-ċirkostanzi li ġraw qabel id-dħul fis-seħħ tal-att.[4] Madankollu, fil-fehma tiegħi il-fatt li l-filmati baqgħu jintużaw sa meta sar ir-rapport (jiġifieri wara d-dħul fis-seħħ tal-Kap 570) jawtorizzani biex ninvestiga. Dan il-punt ġie trattat fir-rapport tiegħi dwar l-impjieg ta' *backbenchers* mal-Gvern fejn kien tqajjem il-punt dwar kellix is-setgħa ninvestiga allegazzjoni ta' kwistjoni li ġrat qabel id-dħul fis-seħħ tal-Kap 570.[5] L-istess raġunament għandu japplika f'dan il-każ stante li l-filmati bil-parteċipazzjoni tas-Segretarju Parlamentari baqgħu jintużaw u għalhekk japplika l-prinċipju ta' kontinwità tan-nuqqas. Inoltre, jidher li s-Segretarju Parlamentari ma għamlet xejn biex il-filmati jitneħħew. Dan ikkonfermatu bir-risposta tagħha għall-mistoqsija li għamlitilha, jiġifieri li "*Il-Gvern qed jistenna l-eżitu tal-investigazzjonijiet biex jieħu l-passi li jmiss.*"

36. It-tieni punt preliminari jirrigwarda l-eżistenza o meno ta' proċeduri legali li wkoll izommuni milli ninvestiga ic-ċirkostanzi li jkunu hekk investigati.[6] Mhux ċar x'riedet tfisser is-Segretarju Parlamentari meta qalet li ser tistenna l-

---

- https://www.maltatoday.com.mt/news/national/97646/watch_julia_farrugia_portelli_has_no_problem_with_police_investigation_into_iip_agents_claims#.Xnh57ohKhPZ;
- https://lovinmalta.com/news/was-a-crime-committed-police-probe-kicks-off-into-maltese-passport-sellers-ministerial-claims/.

4 L-artikolu 14(1) tal-Kap 570 jgħid "*Ebda ħaġa f'dan l-Att ma għandha tippermetti lill-Kummissarju li jinvestiga xi allegazzjoni fuq xi att li ġara qabel id-data meta dan l-Att jibda jseħħ.*"

5 Rapport dwar il-każ K/002 (5 ta' Lulju 2019), paragrafi 15–17.

6 L-artikolu 13(3) tal-Kap 570 jgħid "Il-Kummissarju m'għandux jgħaddi biex jinvestiga xi allegazzjoni fuq xi kwistjoni li fuqha jkun hemm pendenti proċedimenti fil-Qorti jew quddiem xi tribunal imwaqqaf b'liġi, u għandu jissospendi l-investigazzjoni jekk xi persuna li jkollha interess tagħmel talba quddiem Qorti jew quddiem tali tribunal dwar il-kwistjoni li tkun qed tiġi investigata, jew jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun fetħet inkjesta dwar dik il-kwistjoni, jew jekk il-Kummissarju tal-Pulizija jkun istitwixxa investigazzjoni dwar l-istess kwistjoni."

eżitu tal-investigazzjonijiet, iżda skont kif ġie rapportat mill-media,[7] jidher li għaddejja inkjesta maġisterjali kif ukoll potenzjalment investigazzjoni mill-Pulizija.

37. Biss, jidher li l-inkjesta maġisterjali hija dwar dak li deher jgħid l-avukat Jean Philippe Chetcuti fil-filmat imxandar bħala parti mid-dokumentarju tal-istazzjon televiżiv Franċiż M6. Dan mhuwiex is-suġġet tal-investigazzjoni tiegħi. Għaldaqstant m'hemmx konflitt bejn l-inkjesta maġisterjali u l-investigazzjoni tiegħi u l-artikolu 13(3) tal-Kap 570 ma jiskattax.

38. Fil-5 ta' Marzu 2020 tlabt lill-Pulizija tinformani jekk hix għaddejja b'investigazzjoni min-naħa tagħha, u jekk iva tgħidli dwar xiex proprjament tittratta l-investigazzjoni, iżda ma rċevejtx risposta. Fin-nuqqas ta' konferma mill-pulizija li hemm investigazzjoni għaddejja, ma jidhirlix li għandi nkompli nissospendi dina l-investigazzjoni.

39. Għalhekk in meritu, dak li għandu jiġi kkunsidrat huwa jekk l-aġir tal-Onor Segretarju Parlamentari f'filmati organizzati minn ditta privata fl-uffiċċju tagħha, li jifforma parti mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, huwiex aġir korrett jew le.

40. Fil-fehma tiegħi dan l-aġir kien wieħed skorrett in kwantu ta l-impressjoni lil min ra l-filmati (li sa ftit wara li bdiet l-investigazzjoni kienu għadhom aċċessibbli pubblikament mill-paġni fuq Youtube u Facebook ta' Chetcuti Cauchi) li kienet teżisti xi rabta mill-qrib bejn l-uffiċċju tal-Onor Farrugia Portelli u dak ta' Chetcuti Cauchi. Din l-impressjoni kienet toħroġ mill-fatt li:

(a) l-Onor Farrugia Portelli, li bħala Segretarju Parlamentari risponsabbli għaċ-ċittadinanza kienet tapprova applikazzjonijiet taħt l-IIP, dehret fit-tliet filmati;

(b) fil-filmati dehru wkoll uffiċjali għolja inkarigati mit-tmexxija tal-iskemi IIP u MRVP, li kienu jaqgħu taħt l-awtorità tal-Onor Farrugia Portelli;

(ċ) għalkemm il-filmati kienu dwar l-iskemi IIP u MRVP, dehru fihom ukoll l-Avukat Jean Philippe Chetcuti u rappreżentant ieħor tad-ditta Chetcuti Cauchi, u deher ukoll b'mod prominenti fil-bidu u fl-aħħar il-logo tad-ditta, u għaldaqstant m'hemmx dubju li l-filmati kienu qed jippromwovu mhux biss l-iskemi imma anki d-ditta stess;

---

7 Ara n-nota 3 qabel.

(d) il-filmati nġibdu kollha kemm huma fil-Berġa ta' Kastilja: is-Sala tal-Ambaxxaturi ntużat mhux biss mir-rappreżentanti tal-Gvern imma anki mir-rappreżentanti tad-ditta Chetcuti Cauchi; u l-filmati juru wkoll partijiet oħra mill-binja, bħall-bitħa u t-taraġ prinċipali, bħallikieku min ġibed il-filmati kellu aċċess liberu għall-binja.

41. Meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni dawn l-aspetti kollha tal-filmati, il-messaġġ li donnha qed tibgħat id-ditta Chetcuti Cauchi permezz tagħhom hu: aħna ta' ġewwa sew. Dan il-messaġġ jingħata aktar saħħa mill-fatt li l-Berġa ta' Kastilja hija l-uffiċċju tal-Prim Ministru u s-sede tal-poter eżekuttiv f'Malta.

42. Huwa minnu li appena inġibdet l-attenzjoni kemm tal-Onor Segretarju Parlamentari kif ukoll tal-avukat Chetcuti, il-filmati tneħħew. Dan il-fatt, kif ukoll il-fatt li l-Onor Segretarju Parlamentari tgħid li ma fehmitx li l-filmati kellhom jinkludu l-clips ta' l-avukat Chetcuti u ta' uffiċjal ieħor tad-ditta tiegħu, jindika li l-akbar nuqqas huwa tal-uffiċjali tal-entitajiet li jikkooperaw ma' Chetcuti Cauchi. Madankollu xorta jibqa' l-fatt li huwa ħażin li ministru tal-Gvern jippresta ruħu b'dan il-mod biex jagħti vantaġġ lil aġent partikolari. M'inix qed nissuġġerixxi li ministri jew uffiċjali tal-entitajiet m'għandhomx isostnu inizjattivi privati billi jipparteċipaw b'kawtela f'avvenimenti, konferenzi eċċ organizzati mill-aġenti, iżda hemm linja fina bejn il-promozzjoni ta' skema tal-Gvern u l-għoti ta' trattament preferenzjali lil aġent partikolari. Fil-fehma tiegħi, din il-linja nqabżet fil-każ taħt konsiderazzjoni.

## Konklużjonijiet

43. Fil-fehma tiegħi dan huwa każ ta' nuqqas ta' apprezzament tal-implikazzjonijiet ta' aġir. Il-lezzjoni minn dina l-esperjenza għandha tkun, li jekk ministru jagħti appoġġ lil xi inizjattiva ta' operatur privat għandu jsegwi kif dik l-għajnuna qed tiġi imsarrfa, u ġaladarba tinġibidlu l-attenzjoni li dina l-għajnuna qed tigi abbużata, jew li saret b'mod li tagħti vantaġġ mhux xieraq lill-operatur privat, għandu jieħu passi immedjati biex iwaqqaf sa fejn ikun possibbli l-effetti tal-għajnuna li jkun ippresta u li qed tigi abbużata. Huwa importanti li l-linja fina bejn għajnuna uffiċjali leġittima u vantaġġ improprju ma tinqabiżx.

44. Għalhekk tenut kont tal-fatt li wara l-laqgħa miegħi il-filmat tneħħa mis-sit elettroniku tad-ditta Chetcuti Cauchi, u l-fatt li jidher li n-nuqqas tas-Segretarju Parlamentari ma kienx każ ta' mala fede iżda kien aktar nuqqas ta' ħsieb segwit b'nuqqas ta' aġir f'waqtu hekk kif inġibdet l-attenzjoni tagħha

għall-effetti ta' l-aġir tagħha, jidhirli li dina d-deċiżjoni fiċ-ċirkostanzi, fiha innifisha hija rimedju biżżejjed u qed nagħlaq dan ir-rapport skont l-artikolu 22(5) tal-Kap 570.

45. Kopja ta' dan ir-rapport qed tingħata lill-Prof Cremona li għamlet l-ilment, kif ukoll lill-Ministru Julia Farrugia Portelli, u qed jiġi sottomess lill-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Istandards għall-informazzjoni.

46. Kopja qed titqiegħed fuq is-sit elettroniku tal-uffiċċju tiegħi, www.standardscommissioner.com.

**Dr George Marius Hyzler**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

## Dokumenti Annessi

| | |
|---|---|
| Dokument A | Email tat-28 ta' Settembru 2019 mingħand il-Professur Vicki Ann Cremona f'isem l-għaqda volontarja "Repubblika". |
| Dokument B | Ittra datata 3 ta' Ottubru 2019 lis-Segretarju Parlamentari Julia Farrugia Portelli. |
| Dokument C | Risposta tal-14 ta' Ottubru 2019 tal-Onor Farrugia Portelli. |
| Dokument D | Ittra datata 17 ta' Ottubru 2019 mingħand l-Onor Farrugia Portelli. |
| Dokument E | Emails li gew skambjati bejn il-ministeru u d-ditta legali Chetcuti Cauchi. |

DOKUMENT A

**Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

| | |
|---|---|
| **From:** | repubblika MT <repubblika.mt@gmail.com> |
| **Sent:** | Saturday, 28 September 2019 12:09 |
| **To:** | George Hyzler - Office of the Commissioner for Standards in Public Life |
| **Cc:** | Office |
| **Subject:** | Talba għal investigazzjoni |

**Dr George-Marius Hyzler**

Kummissarju tal-Istandards fil-Ħajja Pubblika

11, Triq San Pawl

Il-Belt Valletta VLT1210

Sur Kummissarju,

Nikteb għan-nom tal-organizzazzjoni non-governattiva Repubblika (LPA-122, VO 1670).

A tenur ta' Artikolu 16 tal-Att XIII tal-2017 (Kap. 570 tal-Liġijiet ta' Malta), nissottometti dan l-ġej:

Fil jiem li għaddew, inġibdet l-attenzjoni ta' Repubblika għal filmat imniedi minn jew għad-ditta legali Chetcuti Cauchi (https://www.youtube.com/watch?v=vOccBwPXzSY&feature=youtu.be) li hu immirat biex jagħmel pubbliċità għall-Iskema imsejjħa "Individual Investor Programme" (IIP), li permezz tagħha persuni barranin jistgħu japplikaw biex isiru ċittadini Maltin ġaladarba jissodisfaw ċerti kriterji imposti mill-iskema.

Dan il-filmat pubbliċitarju, li nġibed kollu kemm hu f'waħda mis-swali ewlenin tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru (Berġa ta' Kastilja) u li bħalissa qed jixxandar permezz tal-midja soċjali, ifittex li jagħti pubbliċità sħiħa lis-servizzi li tipprovdi d-ditta legali Chetcuti Cauchi, li hi ditta legali privata immexxija mill-avukat Jean-Philippe Chetcuti.

F'dan il-filmat pubbliċitarju s-Segretarju Parlamentari l-Onor. Julia Farrugia Portelli, li hi politikament responsabbli għall-iskema IIP, flimkien mal-avukat Chetcuti u Kenneth Camilleri tad-ditta Chetcuti Cauchi u uffiċjali pubbliċi, jidhru wkoll jikkummentaw pożittivament b'mod separat dwar l-iskema f'diskorsi immirati biex iħajjar lill-udjenza biex tibbenefika mill-iskema.

Repubblika jidhrilha li l-aġir tal-Onor. Julia Farrugia Portelli jikkostitwixxi ksur ta' etika u abbuż ta' poter għas-segwenti raġunijiet:

1. Il-filmat inħadem b'mod biex f'moħħ l-udjenza tittieħed l-impressjoni li teżisti rabta intima bejn id-ditta legali Chetcuti Cauchi u l-klassi politika Maltija kif rappreżentata mill-Onor. Julia Farrugia Portelli, liema rabta imbagħad twassal vantaġġi għall-klienti ta' Chetcuti Cauchi sanzjonati mill-awtoritajiet, liema vantaġġi ma jgawdux minnhom ditti legali oħrajn; u

2. Il-filmat jagħmel użu ħażin (*misuse*) minn riżorsi pubbliċi – il-Berġa ta' Kastilja intużat bħala l-isfond ewlieni tal-filmat biex b'hekk tingħata l-impressjoni li ditta privata qed tingħata vantaġġ mill-awtoritajiet fuq il-kompetituri tagħha.

In vista tas-suespost u a tenur ta' artikolu 13 tal-Att XIII tal-2017 (Kap. 570 tal-Liġijiet ta' Malta), int ġentilment mitlub tinvestiga din il-kwistjoni, tevalwa l-fatti u tagħti r-rakkomandazzjonijiet tiegħek biex abbużi bħal dawn minn uffiċjali pubbliċi li jiksru l-etika ma jirrepetux ruħhom.

Inselli għalik,

**Vicki Ann Cremona (Prof.)**

President

DOKUMENT B

Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

3 ta' Ottubru 2019

Onor Julia Farrugia Portelli
Segretarju Parlamentari għar-Riformi,
Ċittadinanza u Simplifikazzjoni tal-
Proċessi Amministrattivi

Bl-email fuq julia.farrugia@gov.mt

Onor Farrugia Portelli,

**Każ K/013**

Irċevejt ilment dwar filmat magħmul mid-ditta legali Chetcuti Cauchi Advocates li jippubbliċizza l-iskema "Individual Investor Programme". Il-filmat jidher li hu miġbud fil-Berġa ta' Kastilja u tidher inti fih b'mod prominenti. Fil-fehma tal-ilmentaturi, dan il-filmat jikkostitwixxi ksur ta' etika u abbuż ta' poter għal dawn ir-raġunijiet:

> *"1. Il-filmat inħadem b'mod biex f'moħħ l-udjenza tittieħed l-impressjoni li teżisti rabta intima bejn id-ditta legali Chetcuti Cauchi u l-klassi politika Maltija kif rappreżentata mill-Onor. Julia Farrugia Portelli, liema rabta imbagħad twassal vantaġġi għall-klienti ta' Chetcuti Cauchi sanzjonati mill-awtoritajiet, liema vantaġġi ma jgawdux minnhom ditti legali oħrajn; u*
>
> *"2. Il-filmat jagħmel użu ħażin (misuse) minn riżorsi pubbliċi – il-Berġa ta' Kastilja intużat bħala l-isfond ewlieni tal-filmat biex b'hekk tingħata l-impressjoni li ditta privata qed tingħata vantaġġ mill-awtoritajiet fuq il-kompetituri tagħha."*

L-ilment huwa anness.

Mill-indaġni preliminari li għamilt, jidher li attwalment hemm tliet filmati separati li tidher inti fihom u li huma miġbuda fil-Berġa ta' Kastilja. It-tliet filmati huma aċċessibbli fuq Youtube u Facebook. Wieħed jittratta dwar l-Individual Investor Programme, ieħor jittratta dwar il-Malta Residence Visa Programme, u t-tielet wieħed jittratta dwar iż-żewġ skemi f'daqqa. Apparti minnek, f'dawn il-filmati jidhru wkoll il-kapijiet tal-Malta Individual Investor Programme Agency u tal-Malta Residence Visa Agency. Għaldaqstant qed nieħu dawn it-tliet filmati in konsiderazzjoni fir-rigward tal-ilment.

Għalkemm it-tliet filmati ittellgħu fuq Youtube u Facebook f'Settembru tal-2018, qabel ma daħal fis-seħħ l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta), huma għadhom qegħdin jixxandru fuq dawn is-siti sal-lum. Qed nieħu dan il-fatt in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-Att.

Jiena qed nikkunsidra dan l-ilment fil-kuntest tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att. Id-dispożizzjonijiet f'dan il-kodiċi li jidhru relevanti huma dawn li ġejjin:

> *4.5 Il-Ministri għandhom jaraw li d-dipartimenti governattivi u l-entitajiet li jaqgħu fid-dekasteru tagħhom jitmexxew tajjeb u b'għaqal.*
>
> *4.7 Il-Ministri għandhom jassiguraw illi ma jkun hemm l-ebda konflitt ta' interess bejn id-doveri pubbliċi tagħhom u l-interessi personali.*
>
> *5.1 Sens ta' servizz – il-ġid suprem huwa l-ġid komuni u Ministru m'għandux ikun motivat minn sens ta' gwadann personali, familjari, ta' ħbiebu jew persuni qrib tiegħu, iżda biss minn sens ta' servizz lejn il-komunità inġenerali u l-ġid komuni, għax fuq kollox hu qed jamministra beni pubbliċi f'isem il-pubbliku inġenerali.*
>
> *5.4 Oġġettività – fil-qadi tad-doveri pubbliċi, inkluż fil-ħatriet għall-karigi, l-għoti ta' kuntratti, jew fil-kuntest ta' kull għoti ta' benefiċċji.*

Għaldaqstant inti mitluba tikkummenta b'mod ġenerali fuq l-ilment riprodott hawn fuq u b'mod partikolari fuq il-punti li ġejjin:

(1) Saru filmati oħra barra t-tlieta imsemmija hawn?

(2) Apparti s-sehem tiegħek u tal-uffiċjali li jaqgħu taħtek, u l-użu tal-Berġa ta' Kastilja, il-Gvern ta xi kontribut ieħor għall-egħmil tal-filmati?

(3) Id-ditta Chetcuti Cauchi ħallset xi kumpens għas-sehem tiegħek u tal-uffiċjali tiegħek fil-filmati u għall-użu ta' Kastilja?

(4) Il-filmati saru skont xi ftehim bil-miktub miegħek jew mal-Gvern? Jekk iva, ibgħatli kopja.

(5) X'kienet ir-raġuni li deherlek li inti u l-uffiċjali li jaqgħu taħtek kellkom tieħdu sehem f'dawn il-filmati? X'kienet ir-raġuni li nġibdu f'Kastilja?

(6) Aġenti oħra tal-Individual Investor Programme u il-Malta Residence Visa Programme ingħataw l-opportunità li jkollhom pubbliċità simili?

(7) Il-filmati jistgħu jagħtu l-impressjoni, mhux f'Malta biss imma barra, li membru tal-Gvern hija viċin wisq ta' ditta privata jew li din id-ditta għandha aċċess privileġġjat għall-Gvern?

(8) Dan huwa aggravat mill-fatt li l-membru tal-Gvern li tidher fil-filmat hija proprju dik li għandha s-setgħa tapprova applikazzjonijiet għaċ-ċittadinanza mibgħuta permezz tal-istess ditta?

(9) Sar xi attentat min-naħa tiegħek biex il-filmati in kwistjoni ma jibqgħux jixxandru?

Nistenna r-risposta tiegħek sa nhar **il-Ħamis 17 ta' Ottubru 2019.**

Inselli għalik,

**Dr George Marius Hyzler**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

enc.

DOKUMENT C

SEGRETARJU PARLAMENTARI GĦAR-RIFORMI,
ĊITTADINANZA U SIMPLIFIKAZZJONI
IL-BERĠA TA' KASTILJA, IL-BELT VALLETTA - MALTA

14 ta' Ottubru 2019

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl
Il-Belt Valletta

Għażiż Kummissarju,

**Każ K/013**

Nirreferi għall-ittra tiegħek datata 3 ta' Ottubru 2019. Hawn taħt qed nibgħatlek it-tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek.

**1. Saru filmati oħra barra t-tlieta imsemmija hawn?**

Il-promozzjoni tal-programm issir kemm mill-aġenti akkreditati kif ukoll mill-Gvern. Ikun hemm okkażjonijiet fejn din issir flimkien.

Rappreżentanti u uffiċjali tal-Gvern responsabbli mill-programmi ta' ċittadinanza u residenza b'investiment ikunu mitluba jagħtu sehemhom biex jippromwovu lil Malta u l-programmi rispettivi.

Għalhekk jieħdu sehem f'numru ta' attivitajiet b'dan il-għan, inkluż parteċipazzjoni f'konferenzi u roadshows promozzjonali, kemm Malta kif ukoll barra mill-pajjiż, intervisti u anke filmati ta' dan it-tip. Fost l-oħrajn sar filmat ieħor biex jippromwovi l-benefiċċji tal-programm bid-donazzjoni mogħtija lil Puttinu Cares bis-sehem tas-Segretarju Parlamentari, u filmati oħra biex jippromwovu l-programm bis-sehem ta' uffiċjali tal-aġenziji.

**2. Apparti s-sehem tiegħek u tal-uffiċjali li jaqgħu taħtek, u l-użu tal-Berġa ta' Kastilja, il-Gvern ta xi kontribut ieħor għall-egħmil tal-filmati?**

Sa fejn infurmata jiena, il-Gvern ma' ta l-ebda kontiribut ieħor, f'dan il-każ fuq filmati li jirrigwardaw il-Programm ta' Ċittadinanza b'Investiment.



t +356 2200 2521 e julia.farrugia@gov.mt | www.reforms.gov.mt

**3. Id-ditta Chetcuti Cauchi ħallset xi kumpens għas-sehem tiegħek u tal-uffiċjali tiegħek fil-filmati u għall-użu ta' Kastilja?**

Le, ma sar l-ebda ħlas.

**4. Il-filmati saru skont xi ftehim bil-miktub miegħek jew mal-Gvern? Jekk, iva ibagħatli kopja.**

Il-koordinament sar kollu min naħa tal-aġenziji nvoluti (MIIPA u MRVA).

Xtaqt nissottolinea numru ta' punti:

(a) Saret talba mill-aġent, u l-aġenzija MIIPA kkordinat mas-Segretarjat tiegħi biex ikun stabbilit f'liema ġurnata kien hemm slot vojta biex isir ir-recording tal-clip tiegħi.

(b) It-talba li waslet fl-uffiċċju tiegħi kienet biss biex issir intervista miegħi bħala Segretarju Parlamentari responsabbli mill-programm ta' investiment, mas-CEO tal-MIIPA u mas-CEO tal-MRVA. Fl-ebda ħin ma ssemma filming ieħor ta' persuni oħra.

(c) Anness għandek issib screenshot tal-kalendarju tiegħi nhar l-Erbgħa 11 ta' Lulju 2018 li fih hemm indikat l-ismijiet tal-persuni li kienu se jiġu intervistati, jiġifieri jien, is-CEO tal-MIIPA u s-CEO tal-MRVA. **(Dokument immarkat A)**

(d) L-ewwel recording li sar kien tiegħi, u x'ħin lestejt mir-recording jien bqajt sejra bl-impenji oħra uffiċjali li kelli. Ma segwejtx l-intervisti l-oħra anke għaliex 30 minuta wara l-intervista tiegħi, kelli nkun Birkirkara.

Meta l-ġimgħa li għaddiet irċevejt il-mistoqsijiet tiegħek bħala Kumissarju tal-Istandards fil-Ħajja Pubblika, tlabt li l-aġenzija MIIPA tatini kopja tat-talba oriġinali li kien għamel l-aġent.

Fid-dokument anness **(Immarkat B)**, kienu proposti żewġ dati. Intagħżlet il-ġurnata tal-11 ta' Lulju 2018 u kif indikat fil-korrispondenza, it-talba tal-aġent kienet li l-filming isir fil-bitħa tal-Berġa ta' Kastilja. Min naħa tal-MIIPA kien suġġerit li r-recordings isiru f'daqqa minħabba kwistjoni ta' loġistika.

Peress li dak iż-żmien kien qed isir xi xogħol ieħor f'dik il-parti tal-Berġa ta' Kastilja, ġie deċiż li l-filmati jsiru fl-uffiċċju tiegħi, imma din l-option ġiet skartata minħabba li fil-kurridur ta' quddiem l-uffiċċju tiegħi kellu jintrama scaffolding għal numru ta' ġimgħat minħabba restawr ieħor li kien se jibda f'din il-parti.



t +356 2200 2521 e julia.farrugia@gov.mt | www.reforms.gov.mt

Kien f'dan l-ispirtu li l-għażla finali waqgħet fuq is-sala tal-Ambaxxaturi (u mhux tal-Kabinett kif issemma f'parti mill-media lokali).

Din l-għażla saret purament għal skop loġistiku.

Irrid nissottolinja li jien u l-uffiċċju tiegħi QATT u FL-EBDA ĦIN ma' ġejna konsultati dwar jekk l-aġenti inkwistjoni kellhomx jitħallew jirrekordjaw f'Kastilja, il-clip tagħhom ukoll. Imkien u fl-ebda korrispondenza ma saret din it-talba.

Infurmata wkoll li lanqas lis-Segretarjat tal-Prim Ministru ma saret talba ghal dan.

Sirt naf li Chetcuti Cauchi ffilmjaw il-parti tagħhom f'Kastilja, mill-istorja li dehret fil-mezzi tax-xandir ftit tal-jiem ilu.

Kont sorpriża u minix kuntenta li sar hekk.

Meta ftit tal-jiem ilu tlabt spjega ta' kif seħħ dan, qaluli li waqt li kien għaddej il-filming, u kien hemm it-tripods u cameras armati, l-aġent staqsa lill-uffiċjali preżenti biex jiffilmja l-parti tiegħu wkoll u jlestu l-filming f'ġurnata waħda.

Dan kien żball amministrattiv – li qatt ma kellu jsir.

5. **X'kienet ir-raġuni li deherlek li inti u l-uffiċjali li jaqgħu taħtek kellkom tieħdu sehem f'dawn il-filmati? X'kienet ir-raġuni li nġibdu f'Kastilja?**

Kif imsemmi aktar 'l fuq huwa d-dmir tagħna u tal-uffiċjali li jirrappreżentaw liż-żewġ aġenziji tal-Gvern rispettivament, biex nippromwovu l-programm. Din kienet inizjattiva tajba sabiex nitkellmu dwar il-ġid ekonomiku u l-benefiċċji li qed iħallu l-programmi ta' ċittadinanza u residenza b'investiment.

Kif spjegat aktar 'l fuq, ġie deċiż li l-intervista tiegħi u taż-żewġ kapijiet eżekuttivi tal-aġenziji tal-Gvern isiru Kastilja minħabba li hu fl-istess binja fejn għandi l-uffiċċju tiegħi bħala Segretarju Parlamentari.

6. **Aġenti oħra tal-Inivdividual Investor Programme u l-Malta Residence Visa Programme ingħataw l-opportunità li jkollhom pubbliċità simili?**

Tiġi kunsidrata kull talba għal sapport li ssir mill-aġenti skont l-objettivi tagħhom. Kif irreferejt aktar 'l fuq it-talbiet ikunu varji minn attendenzi f'konferenzi u roadshows, kif ukoll intervisti.



t +356 2200 2521 e julia.farrugia@gov.mt | www.reforms.gov.mt

**7. Il-filmati jistgħu jagħtu l-impressjoni, mhux f'Malta biss imma barra, li membru tal-Gvern hija viċin ta' ditta privata jew li din id-ditta għandha aċċess priviliggjat għall-Gvern?**

